**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Ali Muftah**

Numru: 20/2018

Illum 30 ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ali Muftah,** detentur tal-karta tak-identita' bin-numru 182789A, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Wigrilia u Hania Mohamed Salem, imwieled Libya, nhar it-18 ta' Awwissu 1991 u residenti 'Capital Res.', Block A, Flat 3, Triq Karolina Cauchi, Rabat, Ghawdex, akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Awwissu 2018 waqt li kien qieghed fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex ghall-habta ta' 01.00a.m.

ikkommetta serq ta' *mobile phone* li l-valur tieghu ma' jaqbizx aktar minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94), ghad-dannu ta' Eric Alexandre Walter liema serq huwa aggravat bil-hin;

2. U aktar talli nhar it-28 ta' Awwissu 2018 waqt li kien qieghed gewwa 'Pirates Galley' li tinsab fi Triq San Xmun, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex, ikkommetta serq ta' flixken tax-xorb, nuccali, flus kontanti u *tablet* li l-valur taghhom jaqbez aktar minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda li ma jaqbizx aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-dannu ta' Angelo Attard, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, u bil-valur;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Angelo Attard u l-familja tieghu, liema hsara hija izjed minn mitejn u hamsin ewro (250 ewro) izda mhux aktar minn elfejn u hames mija (2,500) ewro;

4. U aktar talli nhar it-28 ta' Awwissu f'xi hin bejn 1:00a.m. u 3:00a.m waqt li kien qieghed fi Triq San Pawl, Munxar Ghawdex ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha 80, bin-numru tar-registrazzjoni FBG443, li l-valur tieghu jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centenzmu (€239.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn tliet mija u disgha u

ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Paul Spiteri u/jew ta' persuna/i ohra;

5. U aktar talli nhar it-28 ta' Awwissu 2018 gewwa Ghawdex laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 180) datata 16 ta' Mejju 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat Ali Muftah biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikoli 261(f); 270; u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 261(b)(c)(f); 263; 264; 265; 266; 267; 270; 278(1)(2)(3); 279(a); 280(2); u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 261(c)(f); 267; 270; 279(a); 280(1); u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikolu 334(a); u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikoli 17, 20; 23; 31; 49; 50; 289; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 184), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Mejju 2019, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, waqt s-seduta tat-22 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 184), lill-imputat jammetti l-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2019, din il-Qorti regghet wissietu fis-seduta tal-lum b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu, li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni finali dwar il-piena fejn sar qbil bejn il-partijiet dwar il-parametri tal-piena li ghandha timxi maghhom il-Qorti.

Rat ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation Joseph Mizzi li gie pprezentat waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2019 fejn bhala pjan ta' kura ssuggerixxa:

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura jidher li Ali Muftah ghandu jiehu r-rakkomandazzjonijiet tal-psikologa. Fis-sitwazzjoni tal-imputat, qed ikun propost li huwa jiehu l-ghajnuna u trattament minn professjonisti kemm fil-qasam tas-sahha mentali biex l-istat mentali tieghu jaghmel progress u, sussegwentement, dan iwassal ghall-kura kontra l-vizzju tad-droga biex jaqta' mill-problemi tal-passat. Jinghad li zball ma jissewwiex bi zball iehor u, ghaldaqstant, Ali Muftah ghandu jibdel l-atteggjament tieghu biex jibda juri izjed pozittivita'. Huwa ghandu jahdem fuq il-hiliet tieghu biex itejjeb l-abilitajiet tieghu u b'hekk ikun kapaci jaffronta s-sitwazzjonijiet tal-hajja ta' kuljum. Dan ghandu jaghmlu billi ma jibqax stagnat fil-passat. Huwa m'ghandux jibqa' juza l-esperjenzi koroh tal-passat bhala skuza ghall-uzu tad-droga jew gustifikazzjoni ghad-dwejjaq li jkollu. Min-naha l-ohra, Ali ghandu jitfa' harstu lejn l-aspetti sbieh li jezistu f'hajtu, bhall-familja u l-abilitajiet manwali tieghu. Fuq kollox, il-pjan tar-riabilitazzjoni m'ghandux jigi pprokrastinat. Dan isahhu biex jibda jaghzel it-tajjeb mill-hazin, specjalment fl-ghazla tal-hbieb u decizjonijiet personali ohra.*

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet.*

*Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

---

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perijodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi inflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat. L-imputat ghadu jsoffri mill-konflitt li kien hemm il-Libja fejn hu minhabba li kien suldat mar-regim ta' Gaddafi, wara r-revoluzzjoni li nehhiet lil Gaddafi spicca ttorturat u ghalhekk kellu jinghata kenn f'pajjizna. Il-Qorti tat piz kbir ghar-rapport li hejja l-Probation Officer u fic-cirkostanzi thoss li l-imputat ghandu jaghmel zmien ikkarcerat fejn jibda jinghata l-ghajnuna necessarja halli jeghleb il-problemi psikjatrici, psikologici u l-abbuz mill-alkohol u wara jkompli bit-trattament barra mill-habs.

DECIDE:

Ghal dawn il-mottiv l-Qorti wara li rat artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 261(f) (b)(c), 270, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a)280(2), 281, 280(1), 281(a), 289, 325(1)(b) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni (3) ghax ma tirrizultax u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' (4) imputazzjoni li skont l-Ufficcjal Prosekutur kienet alternattiva ghall-hames (5) imputazzjoni, u fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5) u s-sitt

(6) imputazzjonijiet u tikkundannah erbatax (14)–il xahar prigunerija.

*In oltre,* il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati Ali Muftah taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghdha isir ghal perijodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment. Kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Trattament ghandhhom jintbaghtu lid-Direttur tal-Probation Services u Parole u lid-Direttur Generali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk ma jimxix mal-Ordni li nghatat.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |